**2 ta' April, 1990**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo Scicluna B.A., LL.D.**

Onor. Lawrence sive Lorry Sant

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija

**Kostituzzjoni – Konvenzjoni Ewropeja – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Smigħ Xieraq – Imparzjalità – Maġistrat – Kumpilazzjoni – Proċess Verbal – Inkjesta – Leġittimu Kontradittur – Interess – Nullità**

*Ir-rikorrent talab lill-Qorti tiddikjara li l-preżentata u l-kumpilazzjoni quddiem Maġistrat li jkun għamel l-inkjesta u l-proċess verbal u wasal għall-konklużjoni li għandhom jittieħdu proċeduri kriminali*

*kontra persuna tivvjola l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u ma hiex tagħtih rimedju. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba tar-rikorrent u ordnat li l-kumpilazzjoni kontra r-rikorrent u ordnat li l-kumpilazzjoni kontra r-rikorrent tinżamm minn Maġistrat li ma jkunx dak li għamel il-proċess verbal relattiv. Ir-rikorrent appella billi ppretenda li r-rimedju ma kienx suffiċjenti. L-intimat appella wkoll. Il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet l-appelli u kkonfermat.*

*Il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet li l-Kummissarju tal-Pulizija huwa l-leġittimu kontradittur f'kawża fejn jiġi allegat li r-rikorrent ma jkunx ingħata smigħ xieraq f'kawża kriminali f'liema l-istess Kummissarju huwa parti. Il-pożizzjoni tal-Kummissarju bħala leġittimu kontradittur titwieled mhux mill-fatt li l-istess Kummissarju jkollu xi ħtija f'dawk il-proċeduri, imma mill-interess ġuridiku manifest tiegħu fihom.*

*Fis-sistema proċedurali maltija l-Maġistrat inkwirenti għandu l-obbligu li jesprimi l-konklużjoni tiegħu u l-proċess verbal li hu jirrediġi u jiffirma jista' jittieħed bħala prova. Għalhekk ikun hemm vjolazzjoni tad-dritt tal-akkużat għal smigħ xieraq jekk dak l-istess Maġistrat ikun il-Maġistrat inkwirenti, u dan billi dan ma jistax jidher li hu imparzjali.*

*Però tali difett ma jwassalx għan-nullità tat-taħrika u tal-kumpilazzjoni. Ir-rimedju li l-proċess jinstema' quddiem Maġistrat differenti huwa suffiċjenti biex tassigura lir-rikorrent smigħ xieraq.*

Il-Qorti: – Rat ir-rikors preżentat mir-rikorrent quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Awissu, 1989, u li fih issottometta li kien ġie mħarrek biex jidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija fuq akkużi ta' danneġġjament volontarju, attruppament u reati oħra li mhumiex ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura, imma l-istess Qorti għandha funzjoni ġudikanti fis-sens li wara li tingħalaq il-kompilazzjoni, l-istess qorti trid tiddikjara jekk hemmx raġunijiet

biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża, skond l-art. 401 tal-Kodiċi Kriminali;

Li ħadd ma jista' jiċħad li din il-proċedura hija waħda salvagwardi proċesswali mogħtija lill-imputat, u fiha għandu dritt li jkun imressaq quddiem tribunal imparzjali u indipendenti; deċiżjoni tal-Qorti f'dan l-istadju li ma hemmx raġunijiet biżżejjed biex jitqiegħed taħt att ta' akkuża, jista' jkollha effetti sostanzjali, peress li l-istess atti u l-istess Qorti tista' wkoll tiddikjara li ma hemmx raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża, imma hemm raġunijiet biżżejjed biex il-Qorti tgħaddi biex tinbidel f'Qorti ta' ġudikatura kriminali fuq reati ta' kompetenza tagħha oriġinali. Għalhekk il-garanzija ta' tribunal imparzjali u indipendenti (kif maħsub fl-artikolu 46 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem) hija applikabbli għall-każ: –

Li dan huwa wkoll maħsub fil-Kostituzzjoni, però minħabba li ċerti kodiċijiet huma eżenti u meqjusa li ma jiksrux id-drittijiet tal-bniedem, hemm ċerti dispożizzjonijiet li ma jistgħux jiġu kontestati taħt l-artikoli tal-Kostituzzjoni, imma li ma għandhomx l-istess presunzjoni ta' legalità taħt il-Konvenzjoni Ewropeja u taħt l-Att XIV ta' l-1987;

Li fil-każ preżenti u kif kellu jiġi ppruvat, il-Qorti li quddiemha ġie msejjaħ biex jidher ir-rikorrent, hija preseduta mill-istess Maġistrat li għamilha ta' inkwiżitur bħala Maġistrat ta' l-għassa, u skond kif kien ser jirriżulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-istess Maġistrat għamel il-konklużjonijiet tiegħu, u ordna li jittieħdu l-passi. Il-figura ġuridika tal-Maġistrat li jagħmel inkjesta mhix meħuda mis-sistema ingliż, imma hija

meħuda mis-sistema taljan, fejn il-Maġistrat huwa l-investigatur, u ċjoè imexxi hu l-indaġini dwar l-allegati reati u dwar il-persuni li jidhirlu li hemm ħtija. Huwa fatt ukoll li kien b'interpretazzjoni ħażina tal-liġi tagħna, anki oriġinali, li l-Maġistrat ta' l-għassa jagħmel inkjesta u investigazzjoni, peress li l-funzjoni vera tiegħu hija li jagħmel il-proċessi verbali (u mhux proċess verbal wieħed) fuq l-oġġetti li jinsabu u fuq it-traċċi tar-reati, kostatazzjoni materjali. Jidher però, u f'dan il-każ hekk ġara, li l-Maġistrat Dr. Noel Cuschieri, fuq din il-prattika kostanti, għamel inkjesta huwa daqs kieku kien "*giudice istruttore*" jew "*magistrato*" taljan, li l-funzjonijiet tagħhom huwa ta' prosekuturi;

Il-Kodiċi Kriminali tagħna jeżenta lill-Maġistrat li jkun għamel l-inkjesta milli jiġi kontestat għaliex imbagħad tiġi quddiemu l-kompilazzjoni. Dan seta' kien aċċettabbli fl-imgħoddi. Illum le;

Mhux konċepibbli li l-esponent jersaq quddiem Maġistrat li għamel ix-xogħol tal-prosekuzzjoni fl-investigazzjoni, u mbagħad jidher quddiem l-istess Maġistrat biex jiddeċiedi jekk "*prima facie*" hemmx ħtija jew ħtijiet. Huwa veru li fil-proċess verbal il-Maġistrat ikun sempliċement "Maġistrat" waqt li fil-kompilazzjoni tkun "Qorti"; imma ma jistax ikun li l-istess persuna, u ċjoè il-Maġistrat li jkun għamel l-ordni li hemm raġunijiet biżżejjed biex jittieħdu l-passi u mbagħad jisma' l-provi u jista' bil-garanziji kollha wieħed jistenna mingħandu l-istess imparzjalità mal-fatti u mal-konklużjoni li jkun diġà ħa. Mhux barra minn loku li wieħed jgħid li kien hemm Maġistrati li kellhom il-kuraġġ ibiddlu l-fehma tagħhom, imma hemm differenza bejn min ikollu jibda jisma' huwa, u ieħor li jkun diġà ppronunċja ruħu u ordna li jinbdew il-passi meħtieġa;

Illi għalhekk ma jistax jingħad li l-esponenti ser jitressaq quddiem tribunal imparzjali u indipendenti, għaliex kif ġew il-fatti, u fuq il-bażi tal-prattika ħażina li ilha żmien, l-esponent ser jiġi mressaq quddiem il-prosekutur tiegħu stess;

Illi għalhekk ir-rikorrent talab bir-rispett li dika l-Qorti: (1) tiddikjara li l-preżentata u l-kompilazzjoni quddiem Maġistrat li jkun għamel l-inkjesta u l-proċess verbal u wasal għall-konklużjoni li għandhom jittieħdu proċeduri kriminali kontra persuna, tivvjola l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, (kif protetta wkoll taħt l-Att XIV ta' l-1987) u (2) in virtù tal-poteri lilha mogħtija, tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk il-mandati u tagħti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa ħalli jiġi salvagwardat id-dritt ta' l-esponenti li ser jinkiser, kif fuq espost;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Settembru, 1989, li permezz tiegħu d-difensuri tar-rikorrent taw ruħhom notifikati bil-mozzjoni ta' l-appuntament;

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Ottubru, 1989, fejn id-difensuri tal-partijiet qablu li ċ-ċitazzjoni notifikata lir-rikorrent tirrigwarda fost oħrajn imputazzjonijiet li jeċċedu l-kompetenza orġinali tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Diċembru, 1989, li biha dik il-Qorti laqgħet l-ewwel talba tar-rikors u ddeċidiet li l-preżentata u l-kompilazzjoni quddiem il-Maġistrat li jkun għamel l-inkjesta u l-proċess verbal u wasal għall-konklużjoni li għandhom jittieħdu proċeduri

kriminali kontra persuna hija vjolazzjoni ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (Att XIV ta' l-1987) u ordnat li l-kompilazzjoni kontra r-rikorrent tinżamm minn Maġistrat li ma jkunx dak li għamel il-proċess verbal relattiv, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa, u dana wara li kkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok għal dan ir-rikors ġraw fid-19 ta' Ġunju, 1987, u l-Pulizija għamlet rapport quddiem il-Maġistrat ta' l-għassa li numru ta' nies kienu kkaġunaw xi inċidenti fil-Belt, Valletta. Dan ir-rapport ġie mgħoddi lill-Maġistrat Dr. Noel Cuschieri li lilu kien imiss it-turn. In esekuzzjoni ta' dan l-inkarigu huwa għamel l-investigazzjonijiet u sema' diversi xhieda dwar il-każ, u in segwitu ppreżenta l-proċess verbal relattiv bil-konklużjonijiet tiegħu;

Illi permezz ta' nota konġuntiva a fol. 17 tal-proċess, il-partijiet qablu li fl-inkjesta li saret wara l-imsemmija inċidenti, il-Maġistrat inkwirenti kien Dr. Noel Cuschieri u li fil-konklużjonijiet tal-proċess verbal relattiv, huwa kkonkluda, *inter alia*, li rriżulta *"prima facie"* li kien hemm ksur ta' diversi dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali da parti tar-rikorrent u ordna li jittieħdu passi kriminali kontra tiegħu a tenur ta' l-artikoli ċitati fl-istess konklużjonijiet;

Illi wara li l-*Attorney General* ħa konjizzjoni ta' dan il-proċess verbal, ħa l-passi neċessarji biex jittieħdu proċeduri kontra r-rikorrent kif ġie ndikat fil-konklużjoni ta' l-istess proċess verbal;

Illi meta ġiet ppreżentata ċ-ċitazzjoni biex tibda l-kompilazzjoni, din ġiet assenjata lill-Maġistrat li lilu kien imiss

it-*turn*, dan kien il-Maġistrat Dr. Noel Cuschieri ċjoè l-istess Maġistrat li kien għamel il-proċess verbal relattiv;

Illi l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-intimat hija dik li huwa għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante li ma jistax jitqies li huwa l-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri;

Illi huwa jibbaża l-eċċezzjoni tiegħu fuq il-fatt li huwa ma jagħżilx il-Maġistrat u anqas jindaħal fl-arranġamenti ta' din l-għażla u li hu ma jindaħalx fl-istruttorja li għandha tibda fil-konfront tar-rikorrent; huwa ma jistax ikun responsabbli għall-vjolazzjoni li r-rikorrent qed jallega li qed isofri, u ma għandux jiġi bl-ebda mod ikkunannat dwar xi ħaġa relattiva għal istituzzjoni li hu subordinat għaliha u li ma għandux kontroll fuqha;

Illi l-Qorti apprezzat dawn is-sottomissjonijiet, iżda ma tistax ma tikkunsidrax li ċ-ċitazzjoni li ġiet notifikata lir-rikorrent hija "Taħrika ta' Kawża tal-Pulizija", u fil-fatt dan id-dokument ġie ffirmat minn żewġ spetturi tal-Pulizija; l-okkju tal-proċeduri ġie ndikat bħala "Il-Pulizija vs. l-Onor. Lawrence sive Lorry Sant". Huwa veru li l-intimat ma għandu ebda parti fl-għażla tal-persuna tal-Maġistrat, iżda bla dubbju l-intimat ma jistax jgħid li huwa ma għandux x'jaqsam mal-proċeduri nvoluti. Il-lanjanza li tat lok għal dan ir-rikors qamet biss meta r-rikorrent irċieva l-ordni ffirmat mill-intimat. Hija l-Pulizija li tippreżenta u takkuża quddiem il-Qorti kompetenti u tieħu wkoll parti fil-kompilazzjoni. Huwa l-intimat li ħarrek lir-rikorrent biex jidher quddiem il-Qorti. Dan kollu ċertament juri li għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jwasslux għall-kundanna ta' l-intimat, huwa jifforma parti importanti u essenzjali mill-proċeduri li taw lok

għal dan ir-rikors u ma jistax jiġi ritenut li huwa ma għandux interess dirett fil-każ anzi l-eżitu ta' dan ir-rikors sejjer jolqot lill-intimat. Għalhekk dina l-Qorti ma tilqax l-eċċezzjoni ta' l-intimat li mhux il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri;

Ikkunsidrat ukoll l-eċċezzjoni dwar l-intempestività tar-rikors odjern sollevata mill-intimat li ssottometta li din il-Qorti għandha tapplika l-proviso tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att XIV ta' l-1987, li jipprovdi li jekk il-Qorti tkun sodisfatta li hemm jew kien hemm rimedji oħra li seta' jieħu r-rikorrent biex jilħaq l-iskop tiegħu, tista', jekk tqis li jkun desiderabbli, tirrifjuta li teserċita l-poteri tagħha. Wieħed mill-iskopijiet ta' dan is-subartikolu huwa li jevita li dina l-Qorti tiġi inondata b'rikorsi li l-meritu tagħhom jista' jiġi trattat u deċiż fil-kors normali tal-proċeduri quddiem Qrati oħra;

Illi f'dan il-każ ir-rikorrent seta' stenna li jiġi pprezentat u jidher quddiem il-Maġistrat għall-kompilazzjoni u fil-mument opportun jitlob ir-rikors tiegħu, u fit-talba tiegħu jibbaża ruħu fuq l-istess raġunijiet mogħtija fir-rikors odjern;

L-intimat issottometta wkoll l-intempestività peress li pprospetta l-possibilità li l-Maġistrat seta' jastjeni milli jkompli bil-każ, jew li meta jidher wara t-taħrika jsib li Dr. Noel Cuschieri kien ġie sostitwit b'Maġistrat ieħor. Huwa veru li xi waħda minn dawn iż-żewġ possibilitajiet setgħet ivverat ruħha però din il-Qorti tħoss li dawn kienu possibilitajiet remoti. Ma rriżulta qatt li kien hemm xi Maġistrat li astjena milli jkompli bil-kompilazzjoni peress li kien mexxa l-Inkjesta dwar il-każ. Din il-Qorti anqas tara probabbli li fir-rikors normali ta' l-aministrazzjoni, li l-Maġistrat jiġi sostitwit. Huwa risaput kemm

it-tqassim tal-kawżi lill-ġudikant li jmissu t-*turn*, isir b'mod kkontrollat, anki biex jiġi evitat disgwid bejn il-ġudikanti innifishom. Inoltre skond l-artikolu 4(1) ta' l-Att ta' l-1967 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja persuna tista' tersaq quddiem dina l-Qorti għal rimedju jekk tallega li xi wieħed mid-drittijiet fundamentali "jkun ġie, ikun qed jiġi, jew ikun x'aktarx ser jiġi miksur dwarha";

Illi fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti ma tħossx li għandha tinvoka l-"*proviso*" fuq indikat u tastjeni milli tkompli tikkonsidra r-rikors odjern: ma tarax li jkun desiderabbli li ġġiegħel lir-rikorrent jistenna li jiġi ppreżentat għall-kumpilazzjoni. Waqt it-trattazzjoni rriżulta li ċ-ċirkostanzi ma humiex speċjali għall-każ tar-rikorrenti: għalhekk ikun xieraq li dan il-punt jiġi deċiż kemm jista' jkun malajr;

Il-Qorti issa ser tgħaddi biex tikkonsidra l-punt kruċjali nvolut f'dan ir-rikors: jekk il-preżentata u l-kompilazzjoni quddiem Maġistrat li jkun għamel l-inkjesta u l-proċess verbal u wasal għal konklużjoni li jittieħdu proċeduri kriminali kontra l-istess persuna, tmurx kontra l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

Dan l-artikolu jipprovdi li "kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli, minn tribunal indipendenti u mwaqqaf b'liġi". Illi rriżulta li wara l-inċidenti msemmija, sar rapport jew denunzja kif provdut fl-artikolu 546(1) tal-Kodiċi Kriminali, li wasal għall-inkjesta, li a tenur ta' l-artikolu 547(1) inżammet mill-Maġistrat tal-Pulizija Ġudizzjarja, li skond it-*turn* kien Dr. Noel Cuschieri. Il-proċeduri matul l-inkjesta jsiru bil-magħluq u l-Maġistrat għandu

poteri ampji kif jidher ukoll mill-artikolu 554 ta' l-istess Kodiċi. Il-Maġistrat inkwirenti ħa l-passi kollha li deherlu opportuni għall-każ, inkluż il-produzzjoni ta' xhieda, u skond l-artikolu 550(5) huwa għalaq il-proċess verbal billi fl-aħħar huwa niżżel il-konklużjonijiet tiegħu, li dwar il-kontenut tagħhom il-partijiet qablu fin-nota konġuntiva msemmija. Peress li d-dispożizzjonijiet indikati kienu jikkontemplaw reati għal piena li taqbeż il-kompetenza tal-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala Qorti ta' ġudikatura kriminali, ir-rikorrent ġie mressaq quddiem il-Qorti ta' Pulizija Ġudizzjarja biex tmexxi l-kompilazzjoni neċessarja. Dan sar permezz ta' ċitazzjoni maħruġa fis-16 ta' Ġunju, 1989 (kopja esebita a fol. 22 tal-proċess) li ġiet debitament notifikata lir-rikorrenti; din tindika li n-numru tal-kompilazzjoni kien 219/28/29 u li l-Maġistrat kellu jkun Dr. Noel Cuschieri;

Illi hekk kif ir-rikorrent ippreżenta r-rikors odjern quddiem dina l-Qorti, huwa ppreżenta wkoll rikors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta fejn talab li l-istess Qorti tiddifferixxi l-kawża liema rikors ġie milqugħ mill-istess Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. Noel Cuschieri;

Illi r-rikorrent issottometta li l-funzjonijiet tal-Maġistrat li jmexxi l-inkjesta sar jixbah ħafna lil dawn ta' Maġistrat inkwirenti taħt il-liġi Taljana li kienet viġenti sa ftit ġimgħat ilu. Ma jagħmilx biss proċess verbal dwar dak li jsib, imma huwa jeżamina, jeleva, jinterroga, jikkomunika ma' l-uffiċjali tal-Pulizija u jagħmel dak kollu li "*he may think necessary for the discovery of the truth*", u b'mod li fl-aħħar mhux biss jagħmel kostatazzjonijiet, imma wkoll jasal għal konklużjonijiet. Illi skond ir-rikorrent din hi "prattika ħażina" u li "kien b'interpretazzjoni ħażina tal-liġi tagħna, anki oriġinali, li l-Maġistrat ta' l-għassa

jagħmel inkjesta u investigazzjoni, peress li l-funzjoni vera tiegħu hi li jagħmel il-proċessi verbali fuq l-oġġetti li jinstabu u fuq it-traċċi tar-reati, kostatazzjoni materjali''. Il-Qorti ma taqbilx ma' dawn is-sottomissjonijiet għaliex fil-prattika sa issa segwita ma hemm xejn li jmur kontra l-liġi. Huwa veru li l-Artikolu 546 jindika li għandu jsir aċċess fuq il-post dwar is-suġġett tar-reat, imma l-artikoli 549(3) u (4) u 550(3) jittrattaw dwar ix-xhieda li tkun instemgħet fl-aċċess: għalhekk jirriżulta li minbarra l-kostatazzjoni materjali l-Maġistrati jista' jisma' wkoll xhieda. Skond l-artikolu 554 il-Maġistrat jista' wkoll jordna l-arrest: l-istess artikolu jawtorizza lill-Maġistrat jindaga ''in ġenerali (fuq) kull ħaġa oħra, li huwa jkun jidhirlu meħtieġa sabiex tinstab il-verità''. Meta s-suġġett ta' reat ma jkunx jeżisti iżjed il-Maġistrat għandu jfittex għaliex ma hemmx traċċi tar-reat u ''għandhom jinġabru l-provi kollha li jistgħu jiswew biex juru li fil-fatt ir-reat kien sar'';

Illi dan kollu juri li l-Maġistrat ma għandux jagħmel biss proċessi verbali ta' dak li jsib u li l-inkjesta kif saret ma marret bl-ebda mod kontra l-liġi u anqas ma kienet il-frott ta' xi interpretazzjoni ħażina tal-liġi tagħna sa issa;

Illi anki l-fatt li skond il-prattika kostanti l-Maġistrat li jmexxi l-investigazzjoni ma jastjenix milli jkompli bil-kompilazzjoni, dina ma hix xi prattika ħażina għaliex dan isir skond id-dispożizzjonijiet tal-liġi, li oltre xi interpretazzjoni meħtieġa ta' l-artikoli dwar ir-rikuża, fl-artikolu 368 tagħmilha ċara li l-Maġistrat li jkun għamel l-investigazzjoni ma jistax jiġi rikużat meta jgħaddi għas-sentenza minn rajh (artikolu 403) jew wara deċiżjoni ta' l-Avukat Ġenerali (artikolu 433 (5) ). Għalhekk il-prattika li ġiet sa issa segwita hija legali in kwantu issegwi l-ispirtu u l-kelma espressa tad-dispożizzjonijiet relattivi;

Illi huwa veru li dawn id-dispożizzjonijiet huma soġġett ta' kritika ripetuta mill-avukatura, għaliex kulħadd jifhem u jabbraċċja l-massima li l-ġustizzja mhux biss trid issir, imma trid ukoll tidher li qed issir. Jingħad ukoll li l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi għall-istess salvagwardji bħal dawk kontemplati fil-Konvenzjoni Ewropeja, dana kollu sitwazzjoni bħal dik tar-rikorrent ma setgħetx tiġi kontestata in vista ta' dak provdut fl-artikolu 47(7) u l-Ewwel Skeda ta' l-istess Kostituzzjoni, li ddikjara li dak kollu kontenut fil-Kodiċi Kriminali ma għandux jiġi konsidrat li jista' jivvjola xi wieħed mill-artikoli 33 sa 45 li jittrattaw dwar id-drittijiet fundamentali, u l-libertà ta' l-individwu;

Illi, kif ukoll issottometta l-abbli difensur tar-rikorrent, il-pożizzjoni nbidlet radikalment f'Awissu ta' l-1987, wara li l-Parlament approva l-Att XIV ta' l-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja. Kien pass li bih inqalbet il-folja għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem f'pajjiżna: il-liġijiet li sa dak inhar kienu riservati u mpoġġijin 'il fuq minn dispożizzjonijiet essenzjali pprovduti fil-Kostituzzjoni, issa saru kollha sindakabbli u setgħu jiġu eżaminati biex il-Qrati jaraw jekk fil-fatt imorrux kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Dawn id-drittijiet saru tassew supremi;

Illi għalhekk jidher li din hi l-ewwel darba li din il-proċedura qed tiġi attakkata b'dan il-mod. Sitwazzjonijiet simili ġew però mressqa quddiem il-Kummissjoni u l-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-każ "De Cubber" deċiż mill-imsemmija Qorti fis-26 ta' Ottubru, 1984, kien jirrigwarda l-Qrati Belġjani fejn il-poteri ta' l-"*investigating judge*" jixbhu ħafna lil dawk tal-Maġistrat fil-liġi tagħna: *"The object of the preparatory*

*judicial investigation is to assemble the evidence and to establilsh any proof against the accused as well as any circumstance that may tell in his favour, so as to provide the chambre du conseil or the chambre des mises en accusation, as the case may be, with the material which it needs to decide whether the accused should be committed for trial. The procedure is secret: it is not conducted in the presence of both parties nor is there any legal representation''*. Il-liġi Belġjana tagħmel ukoll *proviso* tixbah lil tagħna billi tipprovdi li *''investigating Judges may continue to sit, in accordance with their seniority, to try cases brought before a court of first instance''*; iżda meta De Cubber tressaq quddiem qorti kriminali komposta minn tliet imħallfin li wieħed minnhom kien dak li mexxa l-investigazzjoni, il-Qorti Ewropeja rriteniet *''that he had not received a hearing by an impartial tribunal''*. Għalkemm ma kienx hemm dubbju dwar l-imparzjalità ta' l-imħallef in kwistjoni, *''the impartiality of the Court was capable of appearing to the applicant to be open to doubt''*, u għalhekk ġie deċiż li De Cubber kien sofra minn ksur ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni;

Illi fil-każ tal-liġi tagħna, wara li l-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja tmexxi l-kompilazzjoni neċessarja skond ir-relattivi dispożizzjonijiet, l-artikolu 403 jipprovdi li meta tingħalaq din il-kompilazzjoni, jekk ''il-Qorti jkun jidhrilha li r-reat mhux ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali, iżda ta' kompetenza tal-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala qorti ta' ġudikatur kriminali.....il-Qorti li mexxiet il-kompilazzjoni għandha tagħti s-sentenza fuq ir-reat''. Dan juri li skond il-liġi tagħna, f'ċerti każi, il-Qorti li tkun mexxiet il-kompilazzjoni, għandha tikkonverti ruħha f'Qorti ġudikanti: inoltre, jingħad ukoll li din is-sentenza għandha tingħata esklużivament fuq dawk il-provi li jkunu nġabu

quddiemha. Għalhekk jirriżulta ċar li hemm il-possibilità li r-rikorrent jispiċċa biex jiġi kkundannat mill-istess Maġistrat li jkun mexxa l-investigazzjoni mill-bidu tar-rapport;

Illi l-Kummissjoni Ewropeja ripetutament sostniet li jekk il-Qorti li tkun ser tiddeċiedi dwar il-każ "*was capable of appearing open to doubt*" dan ifisser li hemm vjolazzjoni tad-dispożizzjoni fil-Konvenzjoni dwar l-imparzjalità ta' l-Imħallef u tat-tribunal (vide Delacourt Case (1970), Piersack Case (1982) u l-applikazzjoni ta' Ben Yaacoub (1983);

Illi din il-Qorti ma tħossx li l-Maġistrat li jmexxi l-kompilazzjoni meta jkun ġà mexxa l-investigazzjoni, jagħti b'mod inekwivoku l-ideja ta' imparzjalità li hija mistennija f'kull ġudikant f'soċjetà demokratika bħal dik ta' pajjiżna. Dan il-ġudikant ikun irċieva r-rapport u mexxa l-investigazzjoni kif ikun deherlu opportun, bl-iskop ewlieni li jasal għall-verità dwar dak li jkun ġara: ma jindaħallu ħadd u l-poteri tiegħu huma tassew ampji. Ovvjament biex ma jkunx hemm dubbju li ma ttiħdux il-passi kollha li setgħu jwasslu għall-verità. Wara dan kollu, dan il-ġudikant ikun irritiena li ma hemm xejn iżjed x'jista' jsir u li jista' jagħlaq il-proċess verbal. Fil-każ tar-rikorrent sar dan kollu, u l-Maġistrat għalaq il-proċess verbal. Fil-każ tar-rikorrent sar dan kollu, u l-Maġistrat u għalaq il-proċess verbal b'ordni li kellhom jittieħdu passi kontra tiegħu: deherlu li minn dak li kkonstata – u mhux biss minn dak li ġabulu quddiemu, imma minn dak ukoll li huwa stess kien ikkonsidra li seta' jwaddab dawl fuq il-każ – kellu jasal għall-konklużjoni li jordna li jittieħdu proċeduri kriminali kontra l-istess rikorrent;

Illi din il-Qorti hi tal-fehma li meta jingħalaq il-proċess

verbal bil-"paragrafu finali li jkun fih il-konklużjonijiet tal-Maġistrat inkwirenti" (artikolu 550(5) ), dan ikun ġà wasal għall-forma ta' ġudizzju u ma jkunx biss illimita ruħu għall-kostatazzjoni tal-fatti kif tressqu quddiemu;

Illi meta l-istess Maġistrat jibda bil-kompilazzjoni, ma jistax ikollu dik it-"*tabula rasa*" dwar il-każ, li hi mistennija mill-ġudikant sa mill-bidu nett. Huwa veru li ssemmew diversi każi fejn l-istess Maġistrat wasal biex illibera lill-imputat fit-tmiem tal-kompilazzjoni. Forsi anqas jinħtieġ il-kuraġġ kollu li semma l-abbli difensur tar-rikorrent biex dan jiġri: jiddependi mill-provi mressqa. B'dana kollu l-Qorti hi tal-fehma li l-imputat ikun xi ftit għat-telgħa. Skond it-tagħlim legali tagħna, l-imputat għandu jkun almenu għall-wita;

Rat ir-rikors ta' l-appell kostituzzjonali ta' l-istess Lawrence sive Lorry Sant preżentat fis-26 ta' Diċembru, 1989 li biha għar-raġunijiet hemm esposti talab li din il-Qorti (1) tirriforma d-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta' Diċembru, 1989 billi tikkonfermaha dwar id-dikjarazzjoni li l-aġir tal-Kummissarju kien jikkostitwixxi ksur ta' l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tikkonfermaha wkoll dwar li l-proċeduri għandhom isiru quddiem Maġistrat differenti u (2) tagħti rimedju effettiv, u dan billi tordna li jerġa' kollox għall-istat li kien qabel in-notifika li ġiet dikjarata nulla, u għalhekk tordna n-notifika mill-ġdid u hekk huwa jitqiegħed fl-istat li kien qabel in-notifika u tordna li jrid l-intimat joħroġ notifika ġdida skond il-liġi;

Rat ir-rikors ta' l-appell kostituzzjonali tal-Kummissarju tal-Pulizija ppreżentat fit-28 ta' Diċembru, 1989 li bih għar-raġunijiet hemm esposti talab li din il-Qorti tħassar, tannulla

u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Qorti Ċivili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) tal-15 ta' Diċembru, 1989 fir-rikors fl-ismijiet fuq imsemmija u wara li tilqa' l-eċċezzjonijiet preliminari kollha tar-rikorrent appellant, tiddeċiedi minflok billi tillibera lill-appellant odjern, intimat fl-ewwel istanza, mill-osservanza tal-ġudizzju jew subordinatament tiċħad it-talbiet kollha ta' l-appellant, rikorrent fl-ewwel istanza, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellat;

Rat ir-risposta ta' l-appellat Lawrence sive Lorry Sant ppreżentata fis-16 ta' Jannar, 1990;

Rat l-atti kollha tal-kawża u b'mod speċjali l-verbal tas-seduta tal-21 ta' Frar, 1990, li bih il-kontendenti qablu li tingħata sentenza waħda fiż-żewġ appelli;

Trattati l-appelli;

Ikkunsidrat:

Fil-każ preżenti qegħdin isiru żewġ appelli – wieħed ta' l-intimat il-Kummissarju tal-Pulizija u l-ieħor tar-rikorrent l-Onorevoli Lawrence sive Lorry Sant. Il-Qorti sejra l-ewwel tikkunsidra l-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija u mbagħad tgħaddi biex tikkunsidra l-appell tar-rikorrent;

Ikkunsidrat:

Il-Kummissarju tal-Pulizija qiegħed jissottometti fl-ewwel lok li huma mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża billi ma kienx hu li għamel l-għażla tal-Maġistrat u lanqas fil-fatt

ma seta' jagħmel dik l-għażla jew b'xi kwalunkwe mod jindaħal fiha. Lanqas ma jkun jista' jagħti effett lir-rimedju mitlub, u ċjoè li l-kompilazzjoni kontra r-rikorrent appellat tinżamm minn Maġistrast li ma jkunx dak li għamel il-proċess verbal relattiv. Billi mhux qed jiġi allegat li kellu ħtija għall-allegata vjolazzjoni, ikompli jissottometti l-Kummissarju tal-Pulizija, il-preżenza tiegħu fil-proċeduri odjerni setgħet remotament tkun rilevanti sabiex jieħu konjizzjoni tal-pronunzjament tal-Qorti għal kull interess li jista' jkollu;

Il-Qorti ma taqbilx ma' dawn is-sottomissjonijiet. Jidher mid-dok. A li dak id-dokument huwa ntitolat "Taħrika ta' kawża tal-Pulizija" u jidher ukoll mill-korp tagħha, u b'mod speċjali mill-aħħar paragrafu, li r-rikorrent kien qed jiġi mħarrek mill-istess Pulizija biex jidher quddiem il-Qorti ħalli jwieġeb għall-akkużi hemm miġjuba. Ma hemmx dubbju għalhekk li f'dawk il-proċeduri l-leġittimu kontradittur huwa l-appellant Kummissarju tal-Pulizija. Bħala konsegwenza ta' dik it-taħrika tal-Pulizija l-kompilazzjoni ġiet quddiem Maġistrat li nzerta li kien l-istess Maġistrat li rrediġa l-proċess verbal. Veru li l-għażla ta' dak il-Maġistrat ma kenitx f'idejn l-appellant Kummissarju tal-Pulizija iżda dan ma jfissirx li hu ma jibqax leġittimu kontradittur tar-rikorrent. L-għażla tal-Maġistrat saret fil-proċeduri inizjati minnu, fejn jinsab leġittimu kontradittur, u jekk qiegħda ssir oġġezzjoni għal dik l-għażla trid issir fil-konfront tiegħu bħala l-leġittimu kontradittur, sija jekk l-oġġezzjoni ssir fl-istess proċeduri kif ukoll jekk l-oġġezzjoni ssir fi proċeduri separati għax l-oġġezzjoni qiegħda titwieled minn proċeduri inizjati minnu u fejn huwa leġittimu kontradittur;

Lanqas il-Qorti ma tara aċċettabbli s-sottomissjoni ta' l-istess

appellant li huwa ma jkunx jista' jagħti effett għar-rimedju mitlub. Is-sentenza li talvolta tingħata dwar ir-rimedju tkun tagħmel stat bejnu u r-rikorrent u għalhekk meta tinġieb a konjizzjoni tal-Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja mill-partijiet jew anke minn wieħed minnhom, dik il-Qorti naturalment tieħu konjizzjoni tagħha u tieħu dawk il-passi li jidhrilha opportuni. Eżami tal-ġurisprudenza tagħna juri li kien hemm każijiet fejn il-Qorti Kriminali ssoprassjediet sakemm inqata' f'kawża ċivili xi punt attinenti għall-proċeduri kriminali u mbagħad meta nqatgħet il-kawża ċivili, billi tagħmel stat, tieħu konjizzjoni tagħha għall-finijiet tal-proċeduri kriminali. Hekk ukoll jista' u għandu jsir fil-każ preżenti;

Lanqas ma tara l-Qorti li għandha tidħol xi kwistjoni ta' ħtija biex jiġi deċiż jekk persuna hix leġittimu kontradittur. Jekk dik il-persuna għandha interess (u ma jistax ma jingħadx li l-appellant Kummissarju tal-Pulizija għandu interess billi l-proċeduri prreżenti jirrigwardaw min għandu jippresjedi fi proċeduri inizjati mill-istess Kummissarju tal-Pulizija) allura ma hemmx dubbju li għandha tiġi kkunsidrata bħala leġittimu kontradittur, għandha jew m'għandhiex ħtija.

Ikkunsidrat:

L-appellant Kummissarju tal-Pulizija qiegħed jissottometti li ġaladarba l-ewwel Qorti kienet sodisfatta bil-possibilità ta' mezzi oħra xierqa ta' rimedju, hija kienet tenuta li tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond il-Kostituzzjoni. Huwa qiegħed jikkontendi wkoll għar-raġunijiet minnu sottomessi li r-regola fundamentali għandha tkun li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha sakemm ma jkunx

hemm l-"*exhaustion*" ta' rimedji oħra;

Fil-każ preżenti l-azzjoni odjerna qiegħda tiġi bbażata fuq l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, li ma' artikoli oħra sostantivi ta' l-istess Konvenzjoni, ġie magħmul parti mil-liġi ta' Malta skond l-Att XIV ta' l-1987. Dak l-Att, fil-proviso tas-subartikolu (2) ta' l-art. 4, jiddisponi li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond l-istess subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi ordinarja oħra. Jidher ovvju mill-istess dispożizzjoni tal-liġi li huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili jekk għandhiex teżerċita s-setgħat tagħha skond is-subartikolu (2) ta' l-art. 4 ta' l-imsemmi Att u ċertament l-imsemmija Qorti ma għandha l-ebda obbligu, kif donnu qed jippretendi l-appellant Kummissarju tal-Pulizija, li tirrifjuta li teżerċita l-imsemmija setgħat meta ma jkunux ġew eżawriti rimedji oħra;

L-appellant Kummissarju tal-Pulizija qiegħed jissottometti li għandha ssir distinzjoni bejn il-Kostituzzjoni tagħna u l-Konvenzjoni Ewropeja billi "taħt il-Konvenzjoni Ewropeja l-pożizzjoni analoga hija ta' regola mandatorja fuq il-Qorti li ma teżerċitax is-setgħat tagħha sakemm ma jiġux eżawriti inutilment ir-rimedji wkoll domestiċi";

Anke din is-sottomissjoni hija inaċċettabbli. Il-kliem tal-proviso tas-subartikolu (2) ta' l-art. 4 ta' l-Att XIV ta' l-1987 huma l-istess bħal dawk tal-proviso tas-subartikolu (2) ta' l-art.

46 tal- Kostituzzjoni u l-pożizzjoni taħt il-Kostituzzjoni u taħt l-Att XIV ta' l-1987 f'dan ir-rigward hija l-istess. L-art. 26 tal-Konvenzjoni Ewropeja ċitat mill-imsemmi appellant in sostenn ta' l-imsemmija sottomissjoni tiegħu, apparti li jirrigwarda l-Kummissjoni Ewropeja li l-Att XIV tal-1987 saru parti mil-liġi ta' Malta u għalhekk ma jista' jiġi bl-ebda mod invokat. B'dak l-Att, kif jidher mit-titolu tiegħu stess, saru parti mil-Liġi ta' Malta l-artikoli **sostantivi** tal-Konvenzjoni Ewropeja hemm indikati;

*Għandu jiżdied li l-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti meta* dina ma rrifjutatx li teżerċita l-imsemmija setgħat tagħha tenut kont anke taċ-ċirkostanza li l-Qrati Kriminali tal-Maġistrati dejjem irritjenew li taħt il-Kodiċi Kriminali l-Maġistrat ma kienx eskluż milli joqgħod fil-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja avolja kien hu lil rrediġa l-proċess verbal relattiv li wassal għall-proċeduri quddiem dik il-Qorti;

Ikkunsidrat;

Fil-meritu l-appellant Kummissarju tal-Pulizija qiegħed jissottometti li meta l-Maġistrat inkwirenti kkonkluda li rriżulta "*prima facie*" ksur ta' diversi dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali da parti tar-rikorrent, din kienet sempliċi opinjoni tal-Maġistrat u mhux ġudizzju kif ritenut mill-ewwel Qorti. Qiegħed jissottmetti wkoll li l-artikolu 368 tal-Kodiċi Kriminali jipprojbixxi r-rikuża tal-Maġistrat li jkun ikkonduċa l-istruttorja (*kumpilazzjoni*) *u mhux ukoll l-inkjesta dwar l-"in genere"*;

Ikkunsidrat:

Il-kwistjoni li għandha tiġi deċiża mill-Qorti hija jekk kenitx ġustifikata l-ewwel Qorti meta kkonkludiet li l-preżentata u l-kompilazzjoni quddiem il-Maġistrat li jkun għamel qabel l-inkjesta u l-proċess verbal wasal għall-konklużjoni li għandhom jittieħdu passi kriminali kontra persuna, tammonta għall-vjolazzjoni ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja magħmul parti mil-liġi tagħna bl-Att XIV ta' l-1987. Dan l-artikolu jiddisponi (fil-parti rilevanti għall-kwistjoni li qiegħda quddiem il-Qorti) illi "fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi";

Fil-każ "De Cubber" deċiż fis-26 ta' Ottubru, 1984 mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fejn kien qed jiġi sottomess li l-"*investigation judge*" ma jkun esprima ebda opinjoni dwar il-ħtija ta' l-akkużat, il-Qorti Ewropeja rritjeniet li jkun hemm vjolazzjoni ta' l-imsemmi artikolu 6 *inter alia* għar-raġuni li dak il-ġudikant kellu "*a particular detailed knowledge of the file*" u għal din ir-raġuni seta', f'għajnejn l-akkużat, kellu "*a pre-formed opinion which was liable to weigh heavily in the balance" (Ara Berger, Caselaw of the European Court of Human Rights, paġna 268);*

Fil-każ preżenti jidher minn eżami tal-Kodiċi Kriminali li l-Maġistrat, li jkun żamm l-inkjesta, u rrediġa l-proċess verbal, għandu jesprimi l-opinjoni tiegħu f'dak il-verbal. Infatti l-art. 550(5) Kap. 9, jiddisponi li l-proċess verbal, li għandu jiġi ffirmat mill-Maġistrat (art. 549(1) ), għandu jitqies li jkun magħmul regolarment jekk ikun fih fil-qosor ir-rapport, id-denunzja jew il-kwerela, lista tax-xhieda mismugħa u l-provi miġbura, u

paragrafu finali li jkun fih il-**konklużjonijiet** (*"findings"* fit-*test* Ingliż) tal-Maġistrat inkwirenti. Mhux hekk biss imma dak il-proċess verbal, magħmul regolarment, jista' jingħata bħala prova fis-smigħ tal-kawża mingħajr ma jkun jinħtieġ li jinstemgħu x-xhieda, il-perit jew persuni oħra li jkunu dehru fl-aċċess;

Fis-sistema proċedurali tagħna għalhekk il-Maġistrat inkwirenti għandu l-obbligu li jesprimi l-*konklużjonijiet* tiegħu u l-proċess verbal li hu jirrediġi u jiffirma jista' jingħata bħala prova u għalhekk *multo magis,* fid-dawl tad-deċiżjoni fuq ċitata tal-Qorti Ewropeja, il-Qorti għandha tikkonkludi li jkun hemm vjolazzjoni ta' l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja jekk il-Maġistrat inkwirenti jkun l-istess wieħed li jippresjedi fil-Qorti Istruttorja;

Il-Qorti ma tara li tagħmel ebda differenza ċ-ċirkostanza li si tratta ta' Qorti Istruttorja billi anke l-*Qorti Istruttorja*, meta tingħalaq il-kompilazzjoni, għandha tiddeċiedi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża u fl-ewwel każ tibgħat lill-imputat biex jitqiegħed taħt dak l-att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali u fit-tieni każ tordna l-liberazzjoni tiegħu (art. 401(2) Kap. 9). Il-Qorti Istruttorja wkoll, jekk jidhrilha li r-reat mhux ta' *kompetenza tal-Qorti Kriminali iżda tal-Qorti tal-Maġistrati* bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għandha tagħti s-sentenza fuq ir-reat bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (art. 403(1) ). Għalhekk anke fil-Qorti Istruttorja l-Maġistrat sedenti f'dik il-Qorti jkun irid jagħti deċiżjoni u jekk ikun ta l-konklużjonijiet tiegħu f'proċess verbal bħala Maġistrat inkwirenti, huwa ovvju li jkun hemm vjolazzjoni ta' l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja

billi, stante li jkun diġà ta' dawk il-konklużjonijiet tiegħu bħala Maġistrat inkwirenti, ma jkunx jista' jingħad li huwa indipendenti u imparzjali meta jiġi biex jagħti d-deċiżjonijiet li trid il-liġi mill-Qorti Istruttorja;

In vista tal-konklużjoni fuq raġġunta l-Qorti ma tarx in-neċessità li tidħol fl-interpretazzjoni ta' l-art. 368 jew fi kwistjonijiet oħra. Biżżejjed li jingħad, – kwantu għall-osservazzjoni ta' l-appellant Kummissarju tal-Pulizija li l-preżentata ta' persuna quddiem Maġistrat ma tista' qatt per se tammonta għall-vjolazzjoni allegata billi l-akkuża tista' tinbidel b'mod li ma jkollha x'taqsam xejn mal-meritu tal-proċess verbal, illi l-art. 4(1) ta' l-Att XIV ta' l-1987 jagħti d-dritt ta' azzjoni għall-protezzjoni ta' dritt fundamentali anke meta dan id-dritt ikun aktarx se jiġi miksur;

Ikkunsidrat:

Kwantu għall-appell magħmul mir-rikorrent l-Onorevoli Lawrence sive Lorry Sant, dan qed jitlob li l-Qorti tordna li jerġa' kollox għall-istat li kien qabel in-notifika li ġiet dikjarata nulla u għalhekk tordna n-notifika mill-ġdid u għalhekk jitqiegħed fl-istat li kien qabel in-notifika u li tordna li tinħareġ notifika ġdida skond il-liġi;

Il-Qorti ma taqbilx ma' din it-talba, billi ma hemm ebda nullità kif qed jippretendi r-rikorrent appellant. Ir-rikorrent ġie mħarrek biex jidher quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati u n-notifika ta' dik it-taħrika saret validament. L-ordni mogħti mill-ewwel Qorti li l-kompilazzjoni tinżamm minn Maġistrat li ma jkunx dak li għamel il-proċess verbal relattiv huwa r-rimedju

li għandu jingħata sabiex tiġi rimedjata l-vjolazzjoni fuq imsemmija ta' l-artikolu 6;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi billi (1) tiċħad l-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija bl-ispejjeż kontra tiegħu (2) tiċħad l-appell tar-rikorrent l-Onorevoli Lawrence *sive* Lorry Sant bl-ispejjeż kontra tiegħu u (3) konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata.